# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-29 ta' Settembru 2008**

**li tistabbilixxi, skond id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil konsumaturi finali**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5339)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/763/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE ([1]), u b'mod partikolari, il-punt (b) ta' l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Il-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil konsumaturi finali għandhom ikunu espressi bħala l-piż ta' batteriji u akkumulaturi portabbli mqiegħda fis-suq fit-territorju ta' l-Istat Membru fis-sena kkonċernata, b'esklużjoni ta' kwalunkwe batteriji u akkumulaturi portabbli li jkunu ħallew it-territorju ta' l-Istat Membru dik is-sena qabel inbiegħu lil konsumaturi finali.

(2) L-Istati Membri għandhom jibbażaw il-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil konsumaturi finali fuq l-informazzjoni miġbura. Stimi statistikament sinifikanti msejsa fuq l-informazzjoni miġbura tista' ukoll tintuża għall-kalkolu.

(3) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlement Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw il-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbli lil konsumaturi finali għal sena partikolari, bħala l-piż ta' batteriji u akkumulaturi portabbli mqiegħda fis-suq fit-territorju ta' l-Istat Membru fis-sena kkonċernata, b'esklużjoni ta' kwalunkwe batteriji u akkumulaturi portabbli li ħallew it-territorju ta' l-Istat Membru dik is-sena qabel inbiegħu lil konsumaturi finali.

2. It-tqegħid fis-suq ta' kull batterija għandu jingħadd darba biss.

*Artikolu 2*

Il-kalkolu pprovdut fl-Artikolu 1 għandu jiġi msejjes fuq l-informazzjoni miġbura jew stimi statistikament sinifikanti abbażi ta' l-informazzjoni miġbura.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.